MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 50/2003

Dr. Anton Tabone .

vs

Dr. Robert J. Lafayette bhala prokutarur specjali biex jirrapprezenta lill-assenti Nancy Lee Farrell .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta illi :

Billi l-partijiet kienu ccelebraw iz-zwieg taghhom fis-16 ta' April, 1999 fir-registru civili ta' Manhattan, New York, Stati uniti ta' l-Amerika ;

Billi dan iz-zwieg kien nieqes mill-elementi essenzjali tieghu u kien vizjat b'tali mod li dak iz-zwieg kien null u inezistenti ;

Billi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat billi kien biss zwieg celebrat ghall-konvenjenza tal-partijiet u minghajr intenzjoni shiha u kunsidrata li jridu jaghmlu l-hajja ma' xulxin ghal ghomorhom ;

Billi l-kunsens tal-partijiet kien anke vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet essenzjali taghha ;

Billi l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga .

Talab lill-konvenut nomine jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara u tiddecidi li l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg fuq imsemmi vizjat kif fuq inghad ;
2. Tiddikjara konsegwentement l-istess zwieg celebrat bejn il-partijiet fis-16 ta' April, 1999 fir-registru civili ta' Manhattan, New York, Stati Uniti ta' l-Amerika null u inezistenti ;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni .
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur ikkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha eccepixxa illi :

1. Illi l-eccipjenti mhix qeghda topponi ghat-talbiet ta' l-attur .

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut nomine minnu mahlufa .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza l-attur qed jitlob dikjarazjoni ta’ nullita’ taz-zwieg tieghu ma' Nancy Lee Farrell, kif rapprezentata f'dawn l-atti mill-konvenut nomine ghax allegatament :

(i) il-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat billi kien biss zwieg celebrat ghall-konvenjenza tal-partijiet u minghajr intenzjoni shiha u kunsidrata li jridu jaghmlu l-hajja ma' xulxin ghal ghomorhom ;
(ii) il-kunsens tal-konvenut kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u fuq id-drittijiet essenzjali taghha ;
(iii) il-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali taz-zwieg .

A tenur tal-Ligi dwar iz-Zwieg taghna, il-prova ta’ kwalunkwe wahda minn dawn ir-ragunijiet hija sufficjenti biex tirrendi zwieg null . Il-kompitu ta’ din il-Qorti huwa ghalhekk li tara u tezamina jekk ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz in ezami, jistghux iwassluha ghall-konkluzjoni illi tezisti xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li tirrendi zwieg null skond din il-Ligi (Kap. 255) .

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza, kif jirrizulta mill-provi mressqa, kienu s-segwenti :

L-attur li ghamel xi zmien fis-servizz diplomatiku fl-Ambaxxjata Maltija gewwa New York, l-Istati Uniti ta' l-Amerika, kien iltaqa' ma' Nancy Farrell ta' nazzjonalita' kanadiza u bdiet relazzjoni bejniethom . Gara pero' illi kull tliet xhur din kellha tirritorna f'pajjizha peress illi kienet tiskadilha l-visa . Wara li ghamlet hekk ghal xi erba' darbiet u minhabba d-diffikultajiet li kienet qed tiffaccja kull darba li ppruvat terga' tidhol fl-Istati Uniti, giethom idea kif jistghu jissorvolaw din il-problema . Kieku kellhom jizzewgu ma kienx jibqa' ebda diffikolta' ghall-istess Nancy Farrell li tibqa' l-Istati Uniti ndefinittivament bhala l-mara ta' membru tal-korp diplomatiku ta' pajjiz iehor . Infatti hekk ghamlu . Wara xi sena u nofs li kuntrattaw iz-zwieg taghhom fil-forma civili biss, fir-registu civili ta' Manhatan, New York, gew joqoghdu f'dawn il-gzejjer . Jidher pero' illi

ftit wara nqalghu l-problemi bejniethom ghax talbu u ottjenew il-kunsens ta' din il-Qorti fil-gurisdizzjoni Volontarja taghha halli jisseparaw bonarjamenti u sar il-kuntratt relattiv . Din is-separazzjoni mbaghad giet segwita bil-kawza prezenti .

Il-konvenuta baqghet qatt ma xehdet f'dawn il-proceduri, imma min-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha jirrizulta li mhix qed tikkontesta t-talba . Madankollu l-Qorti thoss illi ma hemm ebda raguni ghaliex m'ghandhiex toqghod fuq id-depozizzjoni konsistenti tax-xhieda prodotti u taccettaha bhala veritjiera u li tassew tirraprezenta l-fatti kif sehhew .

Ir-ragunijiet imsemmija fic-citazzjoni kollha jindikaw illi l-kawzali ewlenija illi fuqha hija bbazata t-talba ghall-annulament taz-zwieg in kwistjoni hija n-**nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju tal-kontendenti dwar id-dmirijiet u drittijiet tal-hajja mizzewga** .

Ikun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, meta xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma jistghax jinghad li tbati minn infermita' mentali, tkun dahlet ghal din ir-rabta konjugali minghajr maturita' bizzejjed ghaz-zwieg .

L-Imhallef Rotali **Davino** innota li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, kawsali simili fid-dritt kanoniku ghan-nullita taz-zwieg, jfisser ukoll in-nuqqas ta' kapacita' fil-partijiet kontraenti li jilhqu ammont sufficjenti ta' riflessjoni proporzjonata ghall-kuntratt konjugali, li hija fakulta' riflessiva mehtiega ghall-istat nuzjali (monito. Ecclesiastices, 108(1983) 504, u. 2. cfr. Ch. Defebvre : "Defectus Discretionis indicii in Rotali Iurisprudentia in Periodica, 69, (1980) p. 55 – 7) : "*This is the capacity to put together judgements already reached to form a new judgement i.e. affirm or deny something about the objects of consent (in this case marriage) . A sufficient mature capacity to judge and to reason, to make a practical evaluation of the nature and essential obligations of marriage . The critical faculty is the faculty to combine reasoned judgement to form a new judgement . In marriage, the person about to marry must have the capacity to argue and reason inside of himself whether he*

*should, first of all marry at any given time, and secondly, marry the person proposed as his/her spouse . He/she must internally turn over the reasons for and against whether to take the other person for a commitment of a lifetime, which commitment would have to include the giving of one self to the other, the rendering of mutual service, and the institution with the other person of a lifetime full of a life of mutual help, respect and self-sacrifice*" (vide sentenza *coram anne* – 22.7.69, SRRD No. 1. 61, pp. 864 – 865 n. 3) .

Fil-kaz in ezami nsibu illi huwa ovvju illi l-kontendenti qatt ma riedu u nfatti ma dahlux ghaz-zwieg bir-responsabilitajiet mehtiega biex jaghmlu z-zwieg wiehed validu . Jirrizulta illi l-unika raguni li wasslithom ghad-decizjoni li jizzewgu, kienet il-problema li l-kontendenti kien qed ikollhom jinfirdu ta' spiss minhabba l-fatt li l-konvenuta kien jirrikjedilha iggedded il-visa taghha billi terga' tirritorna f'pajjizha kull tliet xhur . Ma jidhirx illi huma qatt hasbu b'serjeta' x'kienu tassew l-implikazzjonijiet tal-pass li kienu ser jiehdu . F'mohhom kellhom biss li jkunu jistghu jibqghu igawdu l-xulxin minghajr ebda xkiel ta' l-awtoritajiet ta' l-imigrazzjoni . Jidher illi dan kien biss zwieg ta' konvenjenza fejn il-partijiet inqdew b'xulxin sabiex isibu soluzzjoni mmedjata ghall-problema li kien ikollhom jiffaccjaw daqshekk ta' spiss . Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan kollu huwa ndikattiv ta’ nuqqas serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju dwar il-hajja mizzewga fil-kontendenti meta hadu dak il-pass u ma raw xejn fir-rabta li dahlu ghaliha, ghajr permess indefinit biex il-konvenuta tkun tista' tibqa tirrisjedi fl-Istati Uniti bla xkiel .

Ghal dawn il-motivi, u peress illi tirrizulta raguni valida ghaliex iz-zwieg in kwistjoni ghandu jigi dikjarat null, tiddecidi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u :

(i) tiddikjara u tiddecidi li l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi fic-citazzjoni kien vizjat minhabba li l-kunens tal-kontendenti kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-dmirijiet u drittijiet essenzjali taghha, u dan a tenur

ta' l-artikolu 19(1)(d) tal-Ligi dwar iz-Zwieg (Kap. 255) ; u konsegwentement
(ii) tiddikjara z-zwieg bejn il-kontendenti li gie celebrat fis-sittax (16) ta’ April tas-sena elf disa’ mija u disa’ u disghin (1999) fir-registru civili ta' Manhatten, New York, l-Istati Uniti ta' l-Amerika, null u inezistenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi .

L-ispejjez tal-kawza, billi ghal dak li gara jahtu ndaqs iz-zewg kontendenti, ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejniethom .
S5003Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------